MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 747/2001/1

**Avviz numru 747/2001DM**

**John u martu Denise konjugi Grech**

**vs**

**Simon u martu Rita konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u tminn mitt lira Maltin (Lm2,800) rappresentanti pagament imhallas minn l-atturi lill-konvenuti, sabiex l-atturi jixtru proprjeta, liema negozju qatt ma mmaterjalizza u b'hekk l-atturi hallsu s-somma indikata ghal premessi foloz u qarrieqa kif ser jirrizulta fil-mori tal-avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tan-notifika, u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati msejjhin ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attur John Grech, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti hallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn u tminn mitt lira Maltin (Lm2,800) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Frar 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------